# DRAWWIET TRADIZZJONALI FIL-FESTI TAGĦNA

## Dak li Fadal mal-Ħafna li Għeb

**Anton Attard**

**Ir-rabta tagħna l-Maltin mat-twemmin Nisrani tmur lura sekli sħaħ. Dan wassal biex, sa minn żminijiet imbiegħda, il-biċċa l-kbira ta' ħajjitna tfasslet madwar dak kollu reliġjuż. Iċ-ċelebrazzjonijiet f'ġieħ il-qaddisin protetturi tal-irħula tagħna ma ħallejnihomx għal ġol-knejjes biss. Sehem kbir minnhom ħriġnieh fl-imsieraħ, fil-pjazez u fi triqatna. Il-festi saru l-aktar jiem speċjali tas-sena ta' kull belt jew raħal. Maż-żmien, ma' wħud minnhom intrabtu drawwiet partikulari. Xi wħud minn dawn għadhom magħna, iżda ħafna minnhom intesew u saru biss parti mill-folklor tal-Gżejjer tagħna.**

### DARI U LLUM

Daż-żmien, il-baned ħadu post il-għana mal-kitarri, il-mandolini, iż-żafżafa, iż-żaqq u t-tanbur. Minbarra dawn id-drawwiet li semmejna, hemm oħrajn li kienu marbutin ma' festi partikulari, li fil-biċċa l-kbira, saru xi ħaġa tal-imgħoddi u ħafna miż-żgħażagħ u t-tfal tal-lum ma laħquhomx, jew forsi semgħu biss bihom.

Dari, rari kont tmur f'xi festa li fiha ma kienx ikun hemm xi tiġrija tal-bhejjem u xi drabi ta' rġiel u żgħażagħ. Fi bliet qrib il-baħar, it-tiġrijiet tad-dgħajjes kienu aktar mifruxin mil-lum. Dawk f'nhar San Lawrenz fil-Birgu, ta' Portu Salvu fl-Isla, u dik Tal-Karmnu, li kienet issir f'Marsamxett, saru ġrajjiet tal-imgħoddi. Baqa' biss dik ta' nhar il-Vitorja, li ssir mix-xatt tal-Marsa sal Belt. Magħha, id-dilettanti ta' dix-xorta ta' tiġrijiet, daż-żmien, ikunu qed jistennew oħra ġdida li daħlet mill-1979. Għalkemm mhix festa reliġjuża, ta' min iżid li fil-31 ta' Marzu, magħruf bħala Jum il-Ħelsien, bdiet issir regatta, bis-sehem tad-diversi bliet tas-soltu qrib il-baħar. Ir-rotta tkun differenti minn dik ta' nhar il-Vitorja. Din id-darba il-ġerrejja jitilqu minn taħt id-Dwana l-Qadima u jaqdfu lejn taħt il-Maċina fl-Isla.

F'xi festi qrib il-baħar, il-Ġostra kienet parti essenzjali taċ-ċelebrazzjonijiet fuq barra. In-nies kienet togħxa tara liż-żgħażagħ jittantaw jaħtfu l-bandiera f'tarf arblu jiżloq bix-xaħam li kien jindilek miegħu. Kien jirnexxilu jagħmel dan wieħed biss, għax dawk ta' qablu, wara diversi tentattivi, ikunu żelqu u spiċċaw il-baħar. Illum, f'xi festi, l-ġostra qisha dieħla mill-ġdid, iżda għad jonqos ħafna biex tqabbilha mal-popolarita' li kienet tgawdi dari.

L-Arblu ta' Mejju dari kien jiġbed folol kbar biex jaraw liż-żgħażagħ jippruvaw jitilgħu mal-arblu oħxon biex jaħtfu dak li jistgħu minn fost oġġetti varji, fosthom fliexken bl-inbid, boroż bil-ġbejniet, zalzett u xi ġugarelli, li kienu jiddendlu ma ċirku mdaqqas fil-quċċata. Dan l-arblu fi żmienna reġa' beda jintrama fil-Karnival (l-Kukkanja), għalkemm hu biss kopja fqira ħdejn l-għors li kien fih l-arblu ta' dari.

Fl-imgħoddi, ċerti festi tant kienu popolari li xi xhur jew jiem partikulari tas-sena kienu jingħarfu mill-festi li jaħbtu fihom. Bħal ngħidu aħna, għall-bdiewa, il-qbiela ma kinux jgħidu li jitħallsu fil-15 ta' Awwissu iżda nhar Santa Marija. L-istess nhar l-Ewwel tas-Sena, fl-1 ta' Jannar. Dan il-jum aktar kien magħruf bħala **L-Istrina**. Sa l-istaġuni jew l-elementi u forsi wkoll it-tbassir tat-temp kellhom rabta mal-festi. Biżżejjed niftakru l-għidut: *sal-Milied la bard u anqas ksieħ.* Mqar kif se jkun it-temp f'jum il-Kunċizzjoni, fit-8 ta' Diċembru – x'se jkun maltemp jew bnazzi?. Xi wħud għadhom sal-lum jgħidu : *jekk toħroġ is-seftura* (S.Katerina fil-25 ta' Novembru) *toħroġ is-sinjura* (il-Kunċizzjoni).

Flimkien ma' dan kollu, ma' ċerti festi, fl-antik, kienu ntrabtu drawwiet esklussivi. Ħafna minnhom illum, tista' tgħid li ntesew għal kollox. Oħrajn, fortunatament, inżammu. Għalhekk ikun xieraq li kemm dawk il-festi li għexnihom fi tfulitna, u kemm dawk li kitbu dwarhom studjużi tal-folklor Malti, bħal Guido Lanfranco, Ġuże' Cassar Pullicino, Rafel Bonnici Cali' u oħrajn, infakkruhom, biex il-ġenerazzjoni tal-lum ikollha ħjiel ta' kif kienet imfassla parti minn ħajjet dawk ta' qabilhom.

### KALENDARJU TA' DRAWWIET ANTIKI

L-ewwel festa tas-sena bi drawwa esklussiva għaliha kienet appuntu l-1 ta' Jannar, l-Ewwel tas-Sena. Kien hawn id-drawwa li t-tfal jingħataw minn qrabathom, jew xi ħbieb, għotja ta' ftit soldi. Din l-għotja, li kienet magħrufa bħala **Strina**, kienet tkun mistennija ħafna mit-tfal. Dan il-jum kienu jistennewh ukoll is-sefturi, għax dakinhar is-sinjuri tagħhom kienu mistennija li jtuhom dik ix-xi ħaġa żejda mal-paga. Forsi għax tħajjarna mill-Ingliżi, qajl qajl, din id-drawwa inbidlet għal jum il-Milied. B'aktar flus fl-idejn, illum, dawk il-ftit soldi nbidlu ma' rigali li jiswew ġmielhom, li jingħataw mhux biss lit-tfal iżda wkoll mill-adulti lil xulxin.

Fis-17 tal-istess xahar, tiġi l-festa ta' **Sant Antnin Abbati**. Drawwa li ntrabtet ma' jum dan il-qaddis f'Malta bdiet fil-Birgu. Ħdejn knisja ddedikata lil dan il-qaddis f'din il-belt kienu jitbierku ż-żwiemel tal-kavallieri. Din id-drawwa, wara li l-Ordni mar il-Belt Valletta, kompliha quddiem il-Knisja tal-Vitorja. Aktar tard, din iċ-ċerimonja bdewha l-Agostinjani fir-Rabat, fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Mark. Ta' min jgħid li maż-żmien, maż-żwiemel żdiedu l-bgħula u l-ħmir minn dawk l-inħawi. Hawn ukoll żdied l-għoti ta' xi ftit xgħir minn tilar li kienu jgħaddu minn bhima għal oħra. Din id-drawwa jew ċerimonja tat-tberik tal-annimali kompliet tinfirex fi rħula u bliet oħra u fiha llum naraw kull xorta ta' annimali minn klieb u qtates sa ħamiem u għasafar.

Fit-22 ta' Jannar taħbat festa oħra - dik ta' **San Franġisk de Sales**. Minn ftit taż-żmien 'l hawn, intrabtet magħha l-quddiesa li ssir fl-Istitut Kattoliku għall-ġurnalisti u l-kittieba. Din ġeneralment titqaddes mill-Arċisqof, b'omelija relatata mal-missjoni ta' din il-professjoni.

It-tifkira tal-Preżentazzjoni ta' Ġesu' fit-2 ta' Frar kienu ntrabtu magħha diversi drawwiet. Kienet magħrufa aktar bħala l-festa **tal-Kandlora**. Ħadet dan l-isem mix-xemgħat, bi xbieha tal-Madonna stampata fil-parti t'isfel, li kienu (u f'xi nħawi għadhom) jitbierku f'dak il-jum, u jitqassmu lill-familji. Ix-xemgħa kienet tinxtegħel waqt xi maltempata, u jitolbu lill-Madonna teħlishom minn xi għawġ li tista ġġib ix-xita qliel jew xi sajjetta. Ix-xemgħa kienet tiddendel ukoll man-nieqa tat-trabi biex jinħelsu mill-mard jew minn xi għajn ħażina. F'dan il-jum jew qrib tiegħu, il-kappillani kienu jippreżentaw xemgħa tal-kandlora lill-Isqof u oħra lill-Gvernatur, b'sinjal ta' rispett. Xi ħadd kien qalli li fl-antik, dik mogħtija lill-Gvernatur kienet tkun imbierka biss jekk dan ikun kattoliku.

Il-festa ta' **San Ġużepp** fid-19 ta' Marzu, fl-imgħoddi, kienet iġġib magħha ħafna iżjed xogħol għall-furnara u forsi, xi ftit ta' qligħ aktar mis-soltu wkoll. F'dan il-jum, fl-antik, ħafna aktar mil-lum, kienu jagħmlu speċi ta' qassatat tal-ħelu, magħrufin bħala *zeppoli*.

Għalkemm **il-Karnival** huwa festa profana, intrabat miegħu ħelu ta' bixra oħra. Dawn huma l-*perlini* u dik li nsibuha bħala *prinjolata* li, għalkemm mhux daqs qabel, għadna niftakru fihom u nsibuhom għall-bejgħ għand diversi dulċiera f'dawk il-jiem. Il-Kukkanja reġgħet iddaħħlet minn xi snin 'il hawn, imma min jiftakar dik ta' dari jaf kemm kienet tkun mistennija, speċjalment miż-żgħażagħ. Kien l-għors tagħhom li fi Tnejn il-Karnival, jinġabru fill-Pjazza tal-Palazz, il-Belt, jistennew il-waqt li jingħata s-sinjal biex b'ġirja waħda jiġru lejn arbli li kienu jintramaw hemm. Mal-arbli kien ikun hemm imdendlin perżut, zalzett u saħansitra annimali, bħal fniek u gidien, mgħottijin bi frieghi iħaddru, aktarx biex dak li jkun ma jkunx jaf x'se jaħtaf. Kollha jissieltu u jimbuttaw biex jaħtfu kemm jistgħu, fost l-għors li kienu jagħmlu dawk li jinġabru biex jarawhom.

It-tfal jiġru u jkaxkru warajhom, bi ħsejjes li jtarrxu, marbutin flimkien, kull xorta ta' laned, bramel u banjijiet li għamlu żmienhom, jekk mhux ukoll xi awrinar imxellef u mtaqqab, spiċċaw ukoll mit-toroq tagħna. Tul dawn il-jiem, ftit għadek tara, daqs fi snin ilu, maskerati jduru fit-triqat lebsin ta' skeletri, erwieħ jew xjaten. Għadek tara biss tfal żgħar lebsin ta' xi wieħed mill-karattri li jidhru fit-televiżjoni.

**FI ŻMIEN IL-ĠIMGĦA MQADDSA.**

Qrib April tasal **il-Ġimgħa Mqaddsa**, li magħha ntrabtu diversi drawwiet. Dawn jibdew mill-ewwel Ħadd tar-**Randan**, li jiġi l-ewwel Ħadd wara l-Karnival. Din il-ġurnata għadha sal-lum magħrufa bħala **Ħadd in-Nies**. Fl-antik, il-Maltin kienu jinġabru bi ħġarhom f'Ħaż-Żabbar, fejn isir pellegrinaġġ għas-Santwarju Tal-Grazzja. Għalkemm dan għadu jsir illum ukoll, naqsu għal kollox il-folol fosthom dawk l-għannejja ħerqana biex juru ħilithom lil dawk li kienu jinġabru madwarhom. Għadd ta' familji u magħhom bejjiegħa kienu jibqgħu jsajru l-fniek barra t-triq, sa ma jidħol il-lejl sewwa.

Drawwiet il-Ġimgħa Mqaddsa kienu jibdew minn **Ħadd il-Palm**. F'dan il-jum, l-irġiel kont tarahom b'werqa taż-żebbug jew salib żgħir magħmul mill-weraq tal-palm fil-pavru tal-ġlekk, fis-sidrija jew fil-berritta.

Tlett iijiem wara, jasal **l-Erbgħa tat-Tniebri**, aktarx mistenni l-aktar mit-tfal. Dawn kont issibhom fil-knisja, lesti biex iħabbtu s-siġġijiet, meta jingħataw is-sinjal. Dan it-taħbit kien parti mir-rit liturġiku għal dak il-jum, qabel it-tibdil li sar wara l-Konċilju Vatikan II.

Minn wara l-istess Konċilju, m'għadniex naraw il-kwadri, is-slaleb u t-twieqi tal-knejjes mgħottijin bi drapp vjola jew iswed, li fil-knejjes kienu xempju tal-atmosfera kiebja ta' dawk il-jiem.

L-istess f'**Ħamis ix-Xirka**. Fejn għadek tara llum dak is-serbut ta' fratelli wara s-salib tal-fratellanza, jew l-imsieħba tal-każini tal-banda u għaqdiet oħra wara d-direttur spiritwali, jgħidu r-Rużarju, deħlin u ħerġin mill-knejjes, f'dawk li konna nsejħulhom **il-Visti tas-Seba' Knejjes?**

Nhar **il-Ġimgħa l-Kbira**, m'għadekx tara l-irġiel libsin il-libsa sewda, li x'aktarx kienet tkun dik li libsu dakinhar tat-tieġ. Għalkemm għadek tara xi bejjiegħa bil-karamelli tal-



**L-Irxoxt tal-Belt.** Ritratt qadim. Mill-Internet

ħarrub, l-għajta tagħhom ta' żminijiet oħra: *Karamelli tal-ħarrub, min jikolhom ma jagħmilx dnub,* m'għadhiex tinstama' iżjed. Jista' jkun li m'għadhomx jagħmlu dan biex ma jurtawx lill-bejjiegħa tal-pastizzi, *hot dogs* u mqaret li naraw daż-żmien. Donnu anke l-kwareżimal, li tant kien jinxtara fl-antik, qed jitlef mill-popolarita' ta' dari.

**Ħadd il-Għid** wara d-daqq tal-Glorja, kien jibda bi drawwa ta' devozzjoni li llum spiċċat għal kollox. L-ommijiet li kellhom it-trabi kienu jitolbu lis-sagristan xi ftit fjuri mis-Sepulkru. Dawn kienu jemmnu li jekk fl-ilma tal-banju li fih jaħslu 'l uliedhom jitfgħu dawk il-fjuri, uliedhom jeħilsu mill-mard jew ifiqu minn dak li seta' jkollhom.

Fil-Birgu, wara d-daqq tal-Glorja, it-tfal kienu jinġabru bi ħġarhom wara raġel bit-tambur idur mat-toroq. Waqt l-għors u d-daħk tagħhom kienu jgħajtu, waħda wara l-oħra, b'ħanġra daqshiex: *Haduhielu, lill-begigga ħaduhielu.* Hemm diversi verżjonijiet ta' kif oriġinat din l-għajta.

Il-purċissjonijiet bl-istatwa tal-Irxoxt fl-ibliet tal-Kottonera għadhom sal-lum jiġbdu folol kbar. Kulħadd fuq ix-xwiek biex jara ż-żgħażagħ, f'toroq partikulari, jieħdu post ir-reffiegħa, biex jagħmlu dik il-ġirja bl-istatwa, fost iċ-ċapċip tan-nies. Kien f'dan il-waqt li t-tfal kienu jgħollu l-figolla u jitolbu lill-Irxoxt iberikhielhom. Għax qabel jagħmlu dan, ma kinux jitħallew jieklu minnha. Snin ilu, rari kont tara tfal mingħajr figolla. Jingħad li fl-imgħoddi l-figolli kienu biss forma ta' ħaruf. Maż-żmien bdew isiru f'forom differenti, bħal ta' raġel, mara, żiemel u figuri oħra, iżda magħhom xorta waħda baqgħet titwaħħal il-bajda kulurita, li aktar tard saret taċ-ċikkulata. Illum dawn inbidlu ma' bajd taċ-ċikkulata daqshiex, jew ma' ġugarelli ta' kull xorta li m'għandhom x'jaqsmu xejn mat-tradizzjoni Maltija.

Drawwa esklussiva fir-raħal tax-Xagħra f'Għawdex huma l-qassatat tal-Għid. Qaluli li dawn aktarx li jagħmluhom in-nanniet u jkun il-gost tagħhom jagħtuhom lin-neputijiet, flimkien ma' xi figolla, f'jum din il-festa tant ferrieħa.

Mal-Għid, kienet intrabtet ukoll id-drawwa tat-tbaħħir tad-djar. Kien isir jew is-Sibt inkella l-Ħadd, meta membru tal-familja, aktarx l-omm, kienet tidħol f'kull kamra tad-dar, bil-weraq taż-żebbuġ jinħaraq f'xi reċipjent tal-metall, l-aktar xi taġen. Waqt li kienet tagħmel dan, ħafna drabi, imsieħba mill-membri l-oħra tal-familja, kien jingħad xi talb. Kienu jemmnu li din iċ-ċerimonja tkeċċi l-ispirti ħżiena minn darhom u teħlishom mill-għajn ħażina. It-tbaħħir fid-djar seta' jsir ukoll kull nhar ta' Ħamis, waqt li l-qniepen idoqqu dik il-mota msejħa "Tal-Ħamis".

## LEJN NOFS IS-SENA

Tlett ijiem wara l-Għid, tasal il-festa ta' **San Girgor**. Daż-żmien għadha tiġi ċċelebrata, imma b'mod limitat ħafna. Fl-antik, kien mod ieħor. Dik il-ħabta kienet issir purċissjoni mill-Katidral tal-Imdina għall- Knisja ta' San Girgor fiż-Żejtun. Kienu jieħdu sehem il-parroċċi ta' Malta bil-fratellanzi tagħhom kollha. Probabbilment dawn kienu jkunu l-attrazzjoni prinċipali, l-aktar dak li kien ikollu l-istendard. Kien hekk, għax meta kienu jaslu fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun, u aktar tard quddiem dik ta' San Girgor, ir-reffiegħ ta' l-istendard kien mistenni juri ħiltu billi jbaxxi lejn l-art l-istendard għal tliet darbiet. Billi dan kien ikun tqil ġmielu, ma tkunx ħaġa faċli biex jerġgħu jarbulawh 'il fuq u mhux l-ewwel darba li l-lasta kienet tinqasam; biċċa tibqa' f'id il-fratell u l-bqija ta' l-istendard jispiċċa fl-art.

Wara l-funzjoni reliġjuża fil-knisja, in-nies kienet terħilha bi ħġarha lejn Marsaxlokk, jew ir-Ramla ta' San Tumas Hawn iqattgħu l-bqija tal-ġurnata jilagħbu l-karti jew it-tombla u oħrajn, miġburin qaqoċċa, jgħannu sa ma jinħanqu. Għalkemm ħafna u ħafna inqas minn qabel, f'San Girgor, din il-mawra ħdejn il-baħar, xi wħud baqgħu jagħmluha daż-żmien ukoll.

Erbgħin ġurnata wara l-Għid, jasal it-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej, jew kif insibuha iżjed – **Lapsi.** Din il-festa kienet tkun mistennija ħafna minn dawk ta' qabilna. Billi l-jiem sbieħ tar-rebbiegħa jkunu magħna u l-arja tkun bdiet tisħon, f'dan il-jum, in-nies kienet terħilha lejn il-baħar. Dawk ta' l-ibliet fil-Port il-Kbir li kellhom xi dgħajsa jew frejgatina, kienu jaqdfu lejn il-bajjiet tar-Rinella u tax-Xewkija, fil-Kalkara. Dawk li ma kellhomx, jikkuntentaw jintasbu għad-dell fuq ix-xtajta u jgħaddu l-lejla jmaxtru u jlegilgu dak li jkunu ġiebu fil-ġwielaq magħhom. F'Għar Lapsi, ismu miegħu, kienu jinġemgħu dawk tal-irħula qrib, filwaqt li dawk ta' Birkirkara u l-madwar, kienu jinġemgħu tul ix-xatt ta' San Ġiljan. Hemm diversi għanjiet marbuta ma' din il-festa u minnhom tintebaħ kemm din kienet tkun mistennija minn dawk iż-żgħażagħ xewqana li jsibu s-sieħeb jew is-sieħba li magħhom kellhom jgħaddu l-kumplament ta' ħajjithom. Min jaf kemm-il żwieġ ixxettel fil-bajjiet li semmejna. It-tfal kellhom sehemhom ukoll f'dan il-jum. Ħafna minnhom kienu jistennew il-bandla li kien jagħmlilhom dakinhar missierhom xi mkien addattat fid-dar jew ma' xi zokk ta' siġra f'xi għalqa qrib.

## IL-ĦOBŻ TA' SANT' ANTNIN U L-ĦĠEJJEĠ TA' SAN ĠWANN

Ġunju mhux nieqes minn drawwiet, li sa ftit ilu kienu kważi ntesew għal kollox. Drawwa fostna li tmur lura mijiet ta' snin hija l-ħuġġieġa li kienet titqabbad f'kull belt u raħal nhar **San Ġwann Battista** fl-24 ta' Ġunju. L-għors tan-nies kien jilħaq l-aqwa tiegħu meta jaraw iż-żgħażagħ jgħaddu bil-ġirja minn fuq il-ħatab iħeġġeġ. Wara li kienet intesiet għal kollox, issa hawn lokalitajiet li d-drawwa tal-ħuġġieġa qed iqajmuha mill-ġdid.

Fil-Birgu, fejn bdiet din id-drawwa mal-wasla tal-Ordni f'Malta, kienu jitkebbsu diversi ħġejjeġ, bit-tfal u ż-żgħażagħ ta' nħawi partikulari jimpikaw bejniethom ta' min tkun l-akbar. Minn jiem qabel, is-subien erħilhom jiġbru u jittalbu njam u xi għamara mkissra mingħand min ried jeħles minnha. Fil-quċċata tal-munzell kienu jagħmlu trajbu, li kien ifakkar il-Mislem li ħareġ tellief f'din il-belt, fl-Assedju l-Kbir. Il-bniet, b'kuntrast mat-trajbu li kienu jagħmlu s-subien, dakinhar huma kienu joħorġu bl-isbaħ pupa li kellhom.

F'Ġunju jiġu ċċelebrati wkoll żewġ festi devoti – Korpus u l-Qalb ta' Ġesu – li magħhom intrabtu drawwiet jew devozzjonijiet li jmorru lura fiż-żmien. F'Korpus joħroġ is-Sagrament merfugħ fuq l-idejn u miexi taħt baldakkin. Dawk li joqogħdu fit-toroq mnejn tgħaddi l-purċissjoni, kienu jżejnu qrib djarhom bil-gastri, u fuqhom iqiegħdu l-qsari bi pjanti ta' kull xorta. In-nies li jinzertaw fit-triq kienu jinżlu għarkubbtejhom x'ħin jgħaddi s-Sagrament minn quddiemhom.

Billi f'dan ix-xahar fil-biċċa l-kbira tal-parroċċi t-tfal jagħmlu l-ewwel tqarbina, kemm fil-purċissjoni ta' Korpus u kemm f'dik tal-qalb ta' Ġesu jieħdu sehem dawn l-istess tfal, lebsin il-libsa magħrufa fostna bħala "tal-Praċett". Xi tfal ikollhom kannestru jew qoffa mimlija bil-fjuri u l-weraq, u minn ħin għall-ieħor jitfgħu fjura fl-art, qabel jgħaddi s-Sagrament.

Fit-29 ta' Ġunju tiġi l-festa ta' San Pietru u San Pawl, jew kif nafuha – **l-Imnarja**. Insibuha hekk mid-drawwa antika tal-mixgħela bil-fjakkli li kienet issir fuq is-swar tal-Imdina. Kienet, għalkemm xi ftit għadha, waħda mill-festi l-aktar mistennija. In-nies kienet tridha tant, li l-attendenza għaliha kienet waħda mill-kundizzjonijiet fil-ftehim bejn l-għarajjes għal wara ż-żwieġ. Ma' din il-festa ntrabtet id-drawwa li lejlietha n-nies tinġama' l-Buskett u tgħaddi l-lejl taqli l-fniek, tmaxtar, tlegleg l-imbid u tgħanni sa kważi sbieħ il-jum. Fl-antik, aktar mil-lum, kienu jkunu mistennija ħafna t-tiġrijiet tal-bhejjem li jsiru fit-telgħa tas-Saqqajja. Ir-rebbieħa kienu jistennew il-paljijiet mill-isbaħ li kienu jingħataw. Uħud minnhom kienu jagħtuhom lill-knejjes ta' raħalhom biex isiru trieħi jew ventartali.



**Il-purċissjoni ta' Korpus ħierġa mill-knisja tax-Xagħra, Għawdex**

Il-wasla lura fir-raħal ta' dawk li jkunu telgħu għall-festa kienet tkun mistennija ħafna. Dawn kienu jaslu kollha f'daqqa u dawk li ma' marrux kienu jistennewhom f'tarf ir-raħal biex forsi jmisshom xi tuffieħa minn dawk li kienu jwaddbulhom minn fuq il-karrettuni dawk li jkunu ġejjin lura mill-Buskett.

Għax-xahar ta' Ġunju ma rridux ninsew l-hekk imsejjaħ **ħobż ta' Sant Antnin**. Dawn il-ħbejżiet imbierka kienu jingħataw, u f'xi nħawi, speċjalment fil-knejjes tal-Franġiskani, għadhom jitqassmu sal-lum lil dawk li jattendu għal xi waħda miċ- ċelebrazjonijiet f'jiem il-festa ta' dan il-qaddis, nhar it-13 tax-xahar.

Fost l-imkejjen li żammew din id-drawwa jew devozzjoni hemm il-kappella rurali ddedikata lil dan il-qaddis f'Wied Iz-Ziju, bejn iż-Żejtun u Wied il-Għajn. Nhar il-festa, titqaddes quddiesa fiha mill-kappillan ta' Wied il-Għajn u fi tmiemha, jitbierku u jitqassmu l-ħbejżiet lil ħafna devoti tal-qaddis li kull sena jimlew il-kappella u l-wesgħa ta' quddiemha.



**Pittura qadima tal-Imnarja**

**Tmiem l-ewwel parti**

**© Anton Attard**

knowmalta.webs.com



**It-tieni parti f'paġna 96**

# DRAWWIET TRADIZZJONALI FIL-FESTI TAGĦNA

## Dak li Fadal mal-Ħafna li Għeb

(It-Tieni Parti)

**Anton Attard**

**Din hi t-tieni parti tal-artiklu dwar il-festi tagħna l-Maltin - Festi marbutin mat-twemmin Nisrani, u li wħud minnhom imorru lura sekli sħaħ. Fl-ewwel parti konna mxejna tul l-ewwel nofs tas-sena sa Ġunju. Issa jmiss it-tieni nofs.**

**TAL-KARMNU, SANT' ANNA, U SAN LAWRENZ.**

Fl-aħħar kwart tas-seklu dsatax u l-ewwel kwart ta' dak ta wrajh, fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu li tkun qed tiġi ċċelebrata fil-Belt Valletta fis-16 ta' Lulju, in-nies kienet tmur bi ħġarha lejn Tas-Sliema u Ta' Xbiex. Fit-triq bejn ix-Xatt ta' Tas-Sliema u Ta Xbiex, bejn l-1881 u l-1929 kienu jsiru t-tiġrijiet biż-żwiemel, dwieb, fliewi, ponijiet u xi drabi ħmir. Ir-rebbieħa kieni jingħataw paljijiet mill-isbaħ. Kien hemm snin li fihom mal-paljijiet kienu jingħataw ukoll midalji u tazzi tal-fidda.

Il-festa ta' **Sant' Anna** fis-26 ta' Lulju u dik ta' **San Lawrenz** fl-10 ta' Awwissu intrabtu magħhom diversi drawwiet li ħafna minnhom, billi tista' tgħid li nqatgħu għal kollox, issa saru parti mill-folklor ta' pajjiżna.

Snin ilu, jum Sant' Anna kien ikun mistenni ħafna mit-tfal, l-aktar dawk fl-inħawi ta' Santa Venera. Fil-misraħ tal-knisja ta' dan ir-raħal, kien jintrama speċi ta' suq jew fiera, fejn, fost ħwejjeġ oħra, għall-bejgħ kien ikun hemm ħafna pasturi, statwetti u ġugarelli żgħar ta' kull xorta. Din id-drawwa qisha qed tqum mill-ġdid f'Wied il-Għajn. F'jiem il-festa qed ikun hemm għadd imdaqqas ta' karettuni, armati b'kull xorta ta' ġugarelli kuluriti.

Billi nhar Sant'Anna l-bdiewa ma kinux jaħdmu, uliedhom xebbiet li jkunu waslu għaż-żwieġ kienu jinżlu l-Belt ma' ommijiethom biex jixtru dik il-ħajta deheb li kienu jieħdu magħhom bħala dota. Ħafna minnhom, kienu jistennew dak il-jum ukoll, biex imorru l-Furjana, fil-Kappella ta' San Kalċidonju, ħalli jagħmlu l-qrara magħrufa bħala **taż-żwieġ.**

Meta s-saqqijiet komdi tal-um kienu biss ħolma, in-nisa tad-dar kienu jagħżlu jum Sant' Anna wkoll biex jinżlu ħdejn il-baħar u jaħslu u jnixxfu s-suf li bih kienu jimlew is-saqqijiet u l-imħaded dak iż-żmien.

L-istess nisa kienu jiftakru f'Sant' Anna anki waqt is-siegħa tal-ħlas. Ma nafx jekk bnadi oħra kienx isir l-istess, iżda mill-Knisja ta' Wied il-Għajn, iddedikata lill-Qaddisa, in-nisa tqal kienu jiksbu xemgħa mbiereka bi xbieha żgħira ta' Sant Anna fil-parti t'isfel, biex jixegħluha tul ħin il-ħlas. Ukoll dawk li jrabbu n-naħal ikunu jistennew jum Sant' Anna. Hemm it-tradizzjoni li dawn jistennew dan il-jum biex jibdew jaqtgħu l-għasel.

Fl-aħħar Ħadd ta' Lulju, fir-raħal tal-Għarb, Għawdex, tiġi ċċelebrata l-festa tal-Viżitazzjoni. Minn dik iċċelebrata fl-2003 'l hawn, minn fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali sal-pjazza quddiemha, beda jintrama b'sengħa li tgħaġġbek tapit bil-fjuri, magħruf bħala *Infiorata.* Dan isir biex minn fuqu tgħaddi l-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna ma' Santa Elizabetta. Id-disinji bil-fjuri jinbidlu minn sena għal oħra. Dan it-tapit, l-uniku wieħed tax-xorta tiegħu fil-Gżejjer Maltin, qed ikun mistenni u ħafna jmorru f'dan ir-raħal pittoresk biex jaraw x'ħejjew sabiħ għal dik il-festa ż-żgħażagħ tar-raħal, bl-inizjattiva u l-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lolkali.

Fl-10 ta' Awwissu, fil-Birgu tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Lawrenz. Dawk li xi darba marru l-Birgu għal din il-festa, raw li l-istatwa ta' San Lawrenz, hija mlibbsa b'ilbies naturali. L-istess kif din it-tradizzjoni antika nżammet f'din il-belt, bl-istatwa ta' San Ġużepp u bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira wkoll.

Iżda filwaqt li l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kellhom libsa waħda, l-istatwa ta' San Lawrenz kellha tlieta. Kienet drawwa ġejja mill-antik, li l-istatwa kellha libsa għal meta tkun fin-niċċa tul is-sena; kellha oħra għall-ewwel sebat ijiem tan-novena, u għall-kumplament tal-festa titlibbes id-dalmatika rikka, li saret mid-ditta Tanfani ta' Ruma fl-1904, u l-alba storika, mogħtija mill-Inkwiżitur Carpegna. Iżda minn xi snin 'l hawn, kien hemm min ħass li din it-tradizzjoni jew drawwa antika kien għadda żmienha. B'hekk, daż-żmien, il-libsa rikka tal-festa qed tkun fuq l-istatwa tul jiem in-novena kollha.

Drawwa oħra marbuta mal-festa ta' San Lawrenz ilha li nqatgħet ħafna u ħafna snin ilu. L-antiki kienu jgħidu li l-antenati tagħhom kienu jirrakuntaw li għall festa ħafna nies kienu jmorru fuq id-dgħajjes u l-frejgatini. Meta jidlam, dawn u l-oħrajn fuq ix-xtut tat-Tlett Ibliet kienu jistennew fuq ix-xwiek dehra li n-nies tal-Birgu kienu wintaw għal jum il-qaddis padrun tagħhom. Dawn kienu jaqsmu ħafna ġewż min-nofs u, wara li jneħħu l-qalba, kienu jimlew il-qxur biż-żejt u wara li jixegħlu l-ftila żgħira li kienu jqiegħdu fihom, jitilquhom jgħumu mal-kurrent. Id-dawl irqiq inemnem f'wiċċ il-baħar, imkaxkar mill-kurrent madwar il-bajja lejn Bormla, l-Isla u xi drabi sal-Belt, kien joħloq dehra li ssaħħar u mhux ta' min jitlifha.

F'San Lawrenz ukoll, il-ftuħ tal-ballun, waqt il-marċ nagħruf bħala tat-*Te Deum,* lejlet il-festa filgħodu, drawwa li tmur lura għexieren ta' snin, tkun mistennija minn kulħadd. Meta l-banda tasal il-pjazza, minn fuq il-bejt tal-każin, tinħaraq musketterija u kif tispiċċa, wara li tinħaraq miċċa li tkun iżżomm magħluq speċi ta' ballun, dan jinfetaħ u minnu joħorġu jittajru fil-baxx fuq in-nies daqs tużżana amorini. Tibqa' fih biss statwa żgħira ta' San Lawrenz tfajjel miżmum minn ommu. Naturalment, l-aktar it-tfal, ikunu fuq ix-xwiek jistennew il-ballun jinfetaħ, kollha

ħerqana li jimexxilhom jaqbdu xi wieħed mill-għasafar.

U la qegħdin insemmu drawwiet tul il-festa ta' San Lawrenz, ma nistgħux ma nsemmux il-mod li bih tittella' statwa tal-qaddis fuq kolonna fit-triq prinċipali tal-Birgu. Din issir waqt dimostrazjoni bil-banda fil-jum magħruf bħala l-Antiviġilja, jumejn qabel il-festa. Dan isir billi tintrama boma max-xewka tas-sur tat-Torri ta' San Gwann, li permezz tagħha, meta jibdew jinġibdu l-ħbula, l-istatwa tibda tiela' bil-mod il-mod fost l-entużjażmu tal-folla preżenti. Fl-istess post u bl-istess mod tittella' statwa ta' San Duminku fil-festa tiegħu ċċelebrata fl-istess belt, tliet ġimgħat wara.

Drawwa oħra f'jum dan il-Qaddis kienet li n-nies iqallbu fil-ħamrija biex isibu dak li kienu jxebbħuh mal-faħam li tkebbes taħt il-gradilja waqt il-martirju. Jingħad li dan kienu jsibuh dakinhar biss.

Ħamest ijiem wara San Lawrenz, tasal il-festa ta' **Santa Marija**. Għalkemm id-drawwa taż-żjarat lill-parroċċi ddedikati lill-Madonna taħt dan it-titlu ma' xi wħud għadhom popolari, fl-antik kienu aktar u ta' xeħta oħra għal kollox. Lejlietha, wara li jidlam, minn kull parroċċa kien jitlaq pellegrinaġġ għall-knejjes parrokkjali li jkunu qed jiċċelebraw il-festa, magħrufa bħala *s-Seba' Santa Marijiet*. Meta jaslu quddiem kull waħda minnhom, fost talb ieħor, kienet tingħad is-*Salve Regina*. Wara mixjiet hekk twal, żgur li l-għatx kien jagħmel tiegħu. Kienu jaqtgħuh bl-ilma li kienu jtellgħu mill-bir li kull knisja kellha għalhekk fuq iz-zuntier

Id-drawwa antika li ħafna Maltin imorru għall-festa ċċelebrata fil-kapitali Għawdxija baqgħet magħna sallum. Dak il-jum Għawdex ikun miżgħud bil-Maltin, l-aktar jekk il-festa taħbat qrib tmiem il-ġimgħa. It-tiġirijiet tal-bhejjem, fi Triq it-Tiġrija fir-Rabat, li minnhom ħadet isimha, għadhom iriduhom u jiġbdu ħafna nies.

Festa oħra f'Għawdex li hemm marbuta magħha drawwa partikular hi dik iċċelebrata fil-bidu ta' Settembru fir-raħal pittoresk taż-Żebbuġ. Din hija l-festa tal-Madonna tal-Għażżiela.. Għal nhar il-festa jagħmlu speċi ta' ħbejżiet jew galletti f'għamla ta' 'M', (Nome di Maria) li, b'rabta ma' din il-festa, l-antiki bdew isejħulhom **għazziela**. B'xebħ max-xemgħa tal-kandlora, b'sinjal ta' devozzjoni, flimkien ma' xi talb, ħafna jqegħduhom fil-ħoġor tat-twieqi waqt xi maltempata bis-sajjetti.



**Tiġrijiet fi Triq it-Tiġrija, Għawdex** Mill-Internet

L-għada ta' Santa Marija, jasal jum Santu Rokku. Il-qima lejn dan il-qaddis kienet imxerrda ħafna fost niesna. Kien minn ta' quddiem fost il-qaddisin li lejhom kienu jduru bit-talb tagħhom biex ibegħduhom mill-marda qerrieda tal-pesta, li minn żmien għal ieħor, sekli ilu, kienet tolqot lill-gżejjer tagħna. Il-festa ta' dan il-qaddis kienet tiġi ċċelebrata bil-kbir f'Tal-Pieta'. Dakinhar, f'dan ir-raħal kienu jsiru tiġrijiet taż-żwiemel, dwieb u ħmir, li għalihom in-nies kienet tattendi bi ħġarha. Jgħidu li dawn ilhom isiru hawn minn żmien il-Granmastru Verdala. Oħrajn, kienu jibqgħu fuq id-dgħajjes u l-frejgatini jisimgħu jew jieħdu sehem bl-għana li kien ikun mistenni minn dawk dilettanti. Hemm min isostni li t-tiġrijiet tal-bhejjem li, aktar tard, bdew isiru f'xi festi oħra, jafu l-bidu tagħhom lil din il-festa.

## JASAL SETTEMBRU

Drawwa fix-xahar ta' Settembru, li għada poplari sal-lum, speċjalment fl-ibliet ta' madwar il-Port il-Kbir, hija t-tiġrija ta' diversi xorta ta' bċejjeċ tal-baħar Maltin, bħal dgħajjes, kajjikki, u frejgatini, li ssir nhar **il-Vitorja**, fit-8 ta' Settembru. It-tluq ikun mill-Marsa, mill-post magħruf bħala Ras Ħanżir u t-tmiem ikun faċċata tad-Dwana l-Qadima. Ir-rebbieħa, kif ilu jsir minn żmien l-Ordni ta' San Ġwann, jingħataw bnadar ikkuluriti, magħrufa aktar bħala **paljijiet**, u fuqhom ikun hemm il-post miksub fit-tiġrija

Drawwa oħra li ntrabtet ma' Jum il-Vitorja hija l-mawra tan-nies fil-Kastell ta' Sant' Anġlu. Waqt dawn iż-żjarat, in-nies kienu jgħarrxu għal pjanta li tikber fil-kastell li l-fjuri tagħha jixbħu ħafna s-salib tal-kavallieri.

Settembru sar ikun mistenni mid-dilettanti tar-roti u tal-muturi. Fil-festa tal-**Madonna tal-Grazzji**, isir għamla ta' pellegrinaġġ b'dawn il-vetturi, li ġeneralment jibda mir-Rabat u mill-Mosta għall-muturi u r-roti rispettivament u jintemm quddiem is-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar. Din il-ġrajja taf il-bidu tagħha lill-Kappillan Zarb, f'nofs is-seklu li għadda. Kulma jmur, dan il-pellegrinaġġ dejjem qed iżid fil-popolarita'.

## LEJN TMIEM IS-SENA

Għalkemm jum il-mejtin, fit-2 ta' Novembru, ma tistax tqisu xi jum ta' festa bħall-oħrajn, f'xi rħula kienu

rabtu miegħu d-drawwa li, l-aktar il-fqar, kienu jistennewha minn sena għal oħra. F'xi wesgħa magħrufa tar-raħal kienet tissajjar f'borma kbira minestra b'ħaxix li kienu jagħtu n-nies bħala karita', aktarx b'suffraġju għall-mejtin tagħhom. Minnha kienu jingħataw jieklu l-foqra tar-raħal, li dari, ma kinux ftit.

Fil-11 tal-istess xahar, taħbat il-festa ta' San Martin. Ma' din il-festa ntrabtu drawwiet mad-dinja kollha u hawn Malta m'aħniex, jew ma konniex, neqsin minnhom. Illum rari tara tfal bil-borża msejħa **l-Borża ta' San Martin** f'idejhom nhar din il-festa. Din il-borża, magħmula minn drapp ikkulurit, mimlija b'taħlita ta' frott, bħal lariġ, rummien, tin imqadded, lewż, ġellewż, qastan u frott ieħor ta' l-istaġun, kienet tkun mistennija b'ħerqa mit-tfal ta' snin ilu. Ma' dawn ma kienet tonqos qatt il-ħbejża bil-ġunġlien u l-kosbor. Il-borża ta' San Martin tidher li qed terġa' tidħol u tingħata lit-tfal f'xi skejjel tagħna.

F'San Martin u għal jiem wara, it-tfal subien kienu jinsew il-boċċi tal-ħġieġ u minflok, il-logħob li soltu jsir bihom, kien isir bil-lewż. L-istess kienu jagħmlu l-bniet minflok iż-żibeġ.

Tal-ħwienet tal-inbid kienu jistennew jum San Martin biex iżanżnu l-inbid il-ġdid li jkun sar mill-għeneb f'dak l-istaġun. L-irġiel li kienu jiffrekwentaw dawn il-ħwienet, dakinhar kienu jaqsmu l-lewż u l-ġellewż u l-isfortunat li f'xi waħda minnhom kien isib żewġt iqlub, kien mistenni li jħallas ix-xarba tal-oħrajn.

Id-dilettanti tal-baned ikunu jistennew it-22 ta' Novembru, il-festa ta' Santa Ċeċilja, il-protettriċi tal-mużiċisti. Minn ftit wara li twaqqfet l-Assoċjazzjoni tal-Każini tal-Banda, qrib il-festa ta' din il-qaddisa, waħda mill-baned imsieħba f'din l-Għaqda, tkun inkarigata tagħmel kunċert mużikali. Dan isir fit-Teatru Manoel u għalih l-attendenza tkun numeruża ħafna, għax il-banda nkarigata, għal din l-okkażjoni, tkun armata għall-aħħar.

Sa ftit taż-żmien ilu, l-ewwel festa ċċelebrata f'wieħed mill-irħula tagħna kienet taħbat fil-bidu ta' Diċembru. Il-festa ta' San Nikola fis-Siġġiewi, fis-6 tax-xahar. Minkejja l-kesħa li tagħmel f'dawk il-jiem, xebbiet ħerqana għaż-żwieġ kienu jimxu mad-drawwa jew devozzjoni marbuta ma' dak il-qaddis. Dawn kienu jmorru s-Siġġiewi matul il-lejl u waqt li jduru diversi drabi mal-istatwa ta' San Nikola, li hemm fil-misraħ tar-raħal, itennu għal ħafna drabi t-talba: **San Nikola ikkunslani**. Drawwa oħra marbuta mal-festa ta' San Nikola kien li jitqassam ħobż imbierek, kemm mill-knisja tas-Siġġiewi kif ukoll mill-knisja tal-Griegi tal-Belt



**Novembru x-xahar tal-mejtin**

L-aħħar festa tas-sena u fost l-aktar festi mistennija, mhux biss hawn iżda mad-dinja kollha, bla dubju ta' xejn hi l-festa tal-Milied. Dari, il-kartolini li jintbagħtu daż-żmien, is-siġra tal-Milied, id-dwal, u l-*parties*, li daħlu fostna wara l-wasla tal-Ingliżi, ma konniex nafu bihom. Il-qofol tal-festi tul dawk il-jiem kienet il-quddiesa ta' nofsillejl bil-priedka tat-tifel. Illum nistgħu ngħidu wkoll tat-tifla, għax f'ċerti knejjes din qed issir mill-bniet ukoll. Biex in-nies kienet tibqa' mqajma sa dak il-ħin, kienu jgħinu ħafna d-daqqaqa taż-żaqq u tat-tanbur, li kienu jduru mat-toroq tal-irħula u l-ibliet, sakemm joqrob ħin il-quddiesa.

Aktarx li llum inqatgħet għal kollox l-iskutella imbuljuta li kulħadd kien jistenna meta jmur lura d-dar mill-quddiesa. Mill-banda l-oħra, il-kagħak tal-għasel m'għadekx issibhom qrib il-Milied biss, kif kien isir dari, iżda ssibhom tul is-sena kollha.

Il-presepju tal-gagazza jew tal-kartapasta bil-pasturi tat-tafal kollhom kuluri kont issibhom f'ħafna djar, għax kienu l-għaxqa tat-tfal. Tfal iżgħar ikollhom jikkuntentaw bil-grotta li jagħtuhom tal-*Museum*. Illum, il-gagazza u l-kartapasta, tista tgħid li nqatgħu għal kollox. Hadilhom posthom il-ġablo u allura l-għadd tal-presepji pjuttost żdied u d-daqs kiber ukoll. Biex ma' nżidx ukoll li l-biċċa l-kbira fosthom saru mekkanizzati. L-istess bħal pasturi; oħrajn tal-plastik, isbaħ u ta' daqsijiet varji ħadu post dawk żgħar tat-tafal.

Fl-ewwel kwart tas-seklu għoxrin, San Ġorġ Preca żied il-purċissjoni bil-Bambin mill-Oqsma tal-Museum u rari tmur x'imkien lejlet il-Milied li ma tiltaqax ma' xi waħda, bil-Bambin merfugħ mit-tfal, b'oħrajn magħhom iżommu fil-għoli fanali kkuluriti, ikantaw għanjiet tal-Milied, li jkun għallimhom is-superjur minn ġranet qabel.

Iż-żminijiet jinbidlu u aħna ninbidlu magħhom jgħidu l-għorrief. Hekk ġara lilna u bosta mid-drawwiet li kellna tul jiem il-festi. Baqgħu biss fit-tifkira ta' wħud mix-xjuħ tagħna, li jirrakuntawhom b'ċerta nostalġija meta nistaqsuhom dwarhom. Jalla dawk li fadal ngħożżuhom u nibżgħu għalihom, għax huma dawn li jagħżluna minn artijiet oħra li għandhom drawwiet għalihom, xi drabi jixbħu u oħrajn differenti minn tagħna. Kif ġieli naraw f'xi programmi fuq it-televiżjoni, dawn id-drawwiet għadhom jgħożżuhom u saru attrazzjoni turistika fir-reġjun tagħhom.

**© Anton Attard**